

# Għalfejn il-banda?

**Philip Schembri**
*Għalliem tal-mużika*



Hawn min jaħseb li l-għan ewlieni li għalih twaqqfu l-baned Maltin kien biss sabiex dawn jagħtu sehem ewlieni fil-marċijiet matul il-ġimgħa tal-festa tar-raħal. Imma l-ħsieb nobbli li kellhom missirijietna meta bdew jiffurmaw dawn l-għaqdiet kien imur ħafna ’l bogħod minn hekk. Huma kellhom f’moħħhom l-iskop soċjali, kulturali, artistiku u edukattiv. Permezz ta’ dan kollu huma rnexxielhom jgħollu isem kull belt u raħal Malti u Għawdxi. Bla tlaqliq ngħid li l-għaqda tagħna taħdem qatigħ sabiex tilħaq dan l-għan għax hija attiva mhux biss fil-marċijiet imma wkoll fid-diversi kunċerti mużikali oħra li tagħti minn żmien għal żmien matul is-sena kollha f’bosta okkażjonijiet. Wieħed irid japprezza wkoll is-sehem impekkabbli tal-kor tas-soċjetà li huwa attiv is-sena kollha. Inżid ngħid b’wiċċi minn quddiem li b’mod ġenerali l-poplu Mellieħi japprezza ħafna dan l-impenn u l-involviment tas-soċjetà tagħna. Dan kollu jinkuraġġina sabiex inkomplu bl-impenn u x-xogħol tagħna.

Bħal kull sena nerġa’ ntenni l-appell tiegħi lill-ġenituri sabiex iħajru ’l uliedhom jitgħallmu l-mużika fi ħdan l-għaqda tagħna għax b’hekk biss nistgħu niggarantixxu futur sabiħ u sostenibbli għall-banda tagħna.

Ma nixtieqx intemm dan il-messaġġ tiegħi mingħajr ma nsellem il-memorja tal-ħabib tiegħi tal-qalb, il-mibki Carmel Fenech (Nenu) li ħalliena bla mistenni ftit tal-ġimgħat ilu. Nenu ħalla vojt kbir fil-Banda Imperial bħal kull bandist ieħor li ġie nieqes fl-imgħoddi. Il-Mulej jagħtih it-tgawdija ta’ dejjem.

Nagħti l-festa t-tajba mimlija paċi, saħħa u ferħ.

Bejn it-26 t’Awwissu u t-8 ta’ Settembru 2022
ser inxandru ‘live’
l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-funzjonijiet reliġjużi
fl-okkażjoni tal-

Festa ta’ Marija Bambina 2022
fuq is-sit elettroniku
www.imperialbandclub.com